FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 09 TA' AWISSU 2017

Il-Pulizija
(Spettur Frankie Sammut)

Vs

Manwel Busuttil

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 569584m akkuzat talli:

1. matul il-perjodu ta' qabel it-3 ta' Gunju 2013 f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' Fork Lifter tal-ghamla Caterpillar liema serq, li sar ghad-detriment ta' Adolph Baldacchino minn Haz-Zabbar, u/jew persuni ohra, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €2329.37 u bil-lok;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jakkuza l-imputat b-serq aggravat bil-valur u lok. Fir-rigward is-serqa hi tikkonsisti f''fork lifter' li safa' nieqes minn quddiem garaxx sit f'kumpless ta' garaxijiet f''Ta' Maggi Industrial Park' f'Haz Zabbar. Bhala fatt jirrisulta li dan il-'fork lifter' kien proprjeta' ta' certu Adolph Baldacchino li da parti tieghu kien ghal xi zmien kera wiehed mill-garaxxijiet fl-imsemmi kumpless minghand l-imputat. Jirrisulta wkoll bhala fatt li meta gie biex jittermina l-kera u jivvaka l-fond hallih pparkeggjat quddiem il-garaxx.

Xehed certu Mario Cutajar (folio 30) inkwilin tal-garaxx li jigi faccjata tal-garaxx in meritu, li xoghlu huwa 'mechanic', li stqarr li l-imsemmi Baldacchino kien inkarigah biex isewwilu l-imsemmi 'fork lifter'. Xehed li kien beda isewwi fih li kienet il-gurnata tal-gimgha, qisu jumejn wara li kien staqsih Baldacchino, u meta mar lura l-garaxx tieghu it-tnejn l-ingenn ma sabux.

Ikkonsidrat:

Li xhieda importanti hi dik ta' certu Nigel Borg (folio 24). Din kienet il-persuna li l-imputat inkariga biex inaddaf il-garaxx 'de qua' u jbattlu mill-affarijiet li kienu fih. Kien fil-kors tax-

xoghol ta' tindif li, skond dan ix-xhud, l-imputat qallu "il-lifter tista tiehdu u taghmel bih xi trid"; bhala fatt jirrisulta li hadu u poggieh fir-razzett tieghu fejn eventwalment instab mid-derubat f'dik l-istess gurnata li kien hadu, ossija, t-3 ta' Gunju 2013 (vide folio 28).

Mill-bqija, x-xhieda tad-derubat ftit li xejn titfa' aktar dawl fuq il-kaz ghajr li jidher li l-imputat kien qal lill-imsemmi Nigel Borg li l-'fork lifter' seta' jiehdu, dan meta sar konfront bejnithom quddiem l-ufficjal investigatur u filwaqt li jirrisulta sodisfacjentement li l-imputat kien jaf ben tajjeb li l-ingenn kien ta' Baldacchino.

Intant, fir-rigward l-aggravji tas-serq dawn ma jirrisultawx. Fil-konfront dak tal-valur hi eswrienti d-dikjarazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti biex jistima l-ingenn li qeghdha folio 118 u fil-konfront tal-lok palesement ma jistax jirrisulta.

Ghalqastant, issib l-imputat hati ta' serq semplici. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bla kundizzjoni wara li ikkonsidrat l-attenwanti generici.

A.M.Trigona
Magistrat